**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2024/2055(INI)**

16.12.2024

# EMENDI 1 - 279

**Abbozz ta' rapport**
**Ralf Seekatz**
(PE765.133v01-00)

Unjoni Bankarja - rapport annwali 2024
(2024/2055(INI))

AM_Com_NonLegReport

**Emenda 1**
**Jonás Fernández, César Luena, Carla Tavares, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar it-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-BĊE tal-15 ta' Diċembru 2020 dwar id-distribuzzjoni ta' dividendi waqt il-pandemija tal-COVID-19,*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-istandards tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja dwar it-trattament prudenzjali tal-iskoperturi tal-kriptoassi, tas-16 ta'*** |

***Diċembru 2022,***

Or. en

**Emenda 4**
**Dirk Gotink**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-Prinċipji tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja dwar il-Kapaċità tal-Assorbiment tat-Telf u tar-Rikapitalizzazzjoni tal-Banek Globali Sistemikament Importanti fir-riżoluzzjoni tad-9 ta' Novembru 2015,*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Dirk Gotink**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 19b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja tal-10 ta' Ottubru 2023 bit-titolu "2023 Bank Failures: Preliminary lessons learnt for resolution" (Fallimenti Bankarji 2023: Tagħlimiet preliminari meħuda għar-riżoluzzjoni),*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 24a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra l-Occasional Paper Series tal-BĊE "The Road to Paris: stress testing the transition towards a net-zero economy" (It-triq lejn Pariġi: simulazzjoni ta' kriżi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima),*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 29a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-Unjoni Bankarja,*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 30a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-Rapport ta' valutazzjoni tar-riskju tal-Awtorità Bankarja Ewropea[1a],*** |
| | ___________________ |
| | ***[1a] RAPPORT TA' VALUTAZZJONI TAR-RISKJU TAL-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA*** |

*(EBA/REP/2024/12). LULJU 2024.*

Or. en

**Emenda 9**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Unjoni Bankarja (UB) tinkludi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u ***standards minimi għoljin fil-qasam tal-assigurazzjoni*** tad-depożiti; | A. billi l-Unjoni Bankarja (UB) tinkludi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u ***l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS); billi f'April 2024, minkejja li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu adotta rapport dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita skema Ewropea ta' assigurazzjoni*** tad-depożiti***, l-Unjoni Bankarja għadha inkompleta***; ***billi l-ħolqien ta' EDIS mhuwiex biss rekwiżit għat-tkomplija tal-UB iżda wkoll kruċjali għall-mitigazzjoni tal-iskoperturi għar-riskju tas-settur finanzjarju;*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Pasquale Tridico, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Unjoni Bankarja (UB) tinkludi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u ***standards minimi għoljin fil-qasam tal-assigurazzjoni*** tad-depożiti; | A. billi l-Unjoni Bankarja tinkludi mekkaniżmu superviżorju uniku, mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni, u ***skema Ewropea ta' garanzija*** tad-depożiti; |

Or. en

**Emenda 11**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Unjoni Bankarja (UB) tinkludi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni ***u standards minimi għoljin fil-qasam tal-assigurazzjoni*** tad-depożiti; | A. billi l-Unjoni Bankarja (UB) tinkludi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni ***bit-tielet pilastru dwar l-assigurazzjoni Ewropea*** tad-depożiti ***li għadu nieqes***; |

Or. en

**Emenda 12**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Unjoni Bankarja (UB) tinkludi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u standards minimi għoljin fil-qasam tal-assigurazzjoni tad-depożiti; | A. billi l-Unjoni Bankarja (UB) tinkludi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u standards minimi għoljin fil-qasam tal-assigurazzjoni tad-depożiti***, li madankollu ma jinkludux l-iskema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS) meħtieġa, it-tielet pilastru tal-UB proposta aktar minn deċennju ilu***; |

Or. pt

**Emenda 13**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías, Paolo Borchia, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-objettiv ewlieni tal-UB huwa li tissalvagwardja l-istabbiltà tas-settur bankarju fl-Ewropa u tipprevjeni l-ħtieġa li jiġu salvati l-banek f'riskju ta' falliment bil-flus tal-kontribwenti;*** |

Or. nl

**Emenda 14**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-objettiv ewlieni tal-Unjoni Bankarja huwa li tissalvagwardja l-istabbiltà tas-settur bankarju fl-Ewropa u tipprevjeni l-ħtieġa li jiġu salvati l-banek f'riskju ta' falliment bil-flus tal-kontribwenti;*** |

Or. pl

**Emenda 15**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-UE għandha tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha, sħiħa u leali tal-istandards ta' Basel III;*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-prijorità tal-Unjoni Bankarja għandha tkun li tikser iċ-ċirku vizzjuż bejn l-istat u l-banek;*** |

Or. pl

**Emenda 17**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi UB ***kompluta ttejjeb il-kompetittività u l-istabbiltà tas-settur*** bankarju ***u l-għażla tal-konsumatur, u tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament***; | B. billi UB ***żviluppata bis-sħiħ tkun żvilupp pożittiv għaċ-ċittadini u għall-ekonomija tal-UE, li tipprovdi l-bażi għal sistema bankarja aktar stabbli, tnaqqis tar-riskju sistemiku, kompetizzjoni msaħħa, għażla u protezzjoni mtejba tal-konsumatur, aktar opportunitajiet għal servizzi bankarji transfruntiera u aċċess għal servizzi finanzjarji għall-konsumatur, investiment ekonomiku akbar, aċċess aħjar għall-finanzjament mill-unitajiet domestiċi u min-negozji, u spejjeż aktar baxxi għall-klijenti tal-banek, filwaqt li tiżgura li l-fondi pubbliċi ma jintużawx biex isalvaw is-settur*** bankarju; ***billi r-riskju "kbira wisq biex tfalli" għadu ma ġiex indirizzat bis-sħiħ***; |

Or. en

**Emenda 18**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi UB kompluta ***ttejjeb*** il-kompetittività u l-istabbiltà tas-settur bankarju u l-għażla tal-konsumatur, ***u tiffaċilita*** l-aċċess għall-finanzjament; | B. billi UB kompluta ***tkun avvanz pożittiv għaċ-ċittadini u għall-kumpaniji tal-Unjoni, u ttejjeb*** il-kompetittività u l-istabbiltà tas-settur bankarju***, billi tnaqqas ir-riskju sistemiku, ittejjeb l-offerta*** u l-għażla tal-konsumatur, ***kif ukoll toffri aktar opportunitajiet ta' servizzi bankarji transfruntiera li jżidu*** l-aċċess għall-finanzjament ***għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpaniji, li jnaqqas l-ispejjeż għall-klijenti bankarji***; |

Or. es

**Emenda 19**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías, Paolo Borchia, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi ***UB kompluta ttejjeb*** il-kompetittività u l-istabbiltà tas-settur bankarju u l-għażla tal-konsumatur, u tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament; | B. billi ***governanza aħjar tal-UB ittejjeb*** il-kompetittività, ***il-profittabbiltà*** u l-istabbiltà tas-settur bankarju u l-għażla tal-konsumatur u tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament; |

Or. nl

**Emenda 20**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ba. billi għad hemm il-ħtieġa li tiġi llimitata l-ħsara minħabba nuqqasijiet fl-istruttura attwali tas-sistema bankarja, ir-riformi strutturali li għandhom l-għan li jnaqqsu a priori r-riskji sistemiċi minħabba l-interkonnessjonijiet u l-kumplessità, li jsostnu l-"problema kbira wisq biex tfalli", ikunu ħafna aktar effettivi;***

Or. en

**Emenda 21**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ba. billi l-unjoni bankarja għandha l-għan li tiżgura li s-settur bankarju fiż-żona tal-euro u fl-UE inġenerali jkun stabbli, sikur u affidabbli, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja;***

Or. es

**Emenda 22**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Bb. billi l-għanijiet tal-Unjoni Bankarja huma li: (i) taħdem favur is-sodezza tal-banek biex jirreżistu għal kriżijiet finanzjarji futuri, (ii) tiżgura r-riżoluzzjoni ta' banek mhux vijabbli filwaqt li tevita li jkollhom jintużaw flus***

| | |
|---|---|
| | ***il-kontribwenti b'riperkussjoni minima fuq l-ekonomija reali u (iii) tnaqqas il-frammentazzjoni tas-swieq billi tistabbilixxi regoli armonizzati għas-settur finanzjarju;*** |

Or. es

**Emenda 23**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bc. billi l-banek jikkostitwixxu l-pedament tal-ekonomija tagħna u jirrappreżentaw wieħed mis-setturi strateġiċi l-aktar rilevanti, huwa kruċjali li jiġi żgurat li joperaw f'ambjent li jkattar l-istabbiltà, ir-reżiljenza, id-dinamiżmu u l-kompetittività; billi dawn il-prinċipji mhux biss huma fundamentali għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, imma wkoll biex jiġi żgurat li s-sistema finanzjarja tkun tista' tadatta għall-isfidi globali, tiffaċilita l-innovazzjoni u twieġeb b'mod effikaċi għall-ħtiġijiet tal-impriżi u taċ-ċittadini; meta jitqies li ekonomija vibranti tirrikjedi settur bankarju li jgħaqqad is-sodezza mal-flessibbiltà, li jħeġġeġ l-investiment u li juża l-kapital b'mod effiċjenti, biex b'hekk isaħħaħ il-kapaċità tagħna li nikkompetu f'suq globali li dejjem jinbidel;*** |

Or. es

**Emenda 24**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-***frammentazzjoni u n-nuqqas ta' konsolidazzjoni transfruntiera tas-settur bankarju tal-UE qed jaffettwaw il-kompetittività globali tiegħu***; ***billi d-diskrepanza fil-profittabbiltà*** bejn il-banek tal-UE u dawk tal-Istati Uniti ***kibret***; | C. billi ***l-analiżi tal-BĊE tissuġġerixxi li d-daqs mhuwiex ir-raġuni ewlenija għad-differenza fir-redditi*** bejn il-banek tal-UE u dawk tal-Istati Uniti ***peress li introjtu aktar baxx mit-tariffi u mill-kummissjonijiet u l-legat ta' self li ma jrendix jħallu impatt sinifikanti fuq il-profittabbiltà tal-banek tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 25**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi ***l-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' konsolidazzjoni transfruntiera tas-settur bankarju tal-UE qed jaffettwaw il-kompetittività globali tiegħu***; billi d-diskrepanza fil-profittabbiltà bejn il-banek tal-UE u dawk tal-Istati Uniti kibret; | C. billi ***għadu jidher diffiċli għall-faddala u għall-investituri biex jiftħu kontijiet ta' tfaddil u jixtru prodotti bankarji oħra f'banek ta' Stati Membri li dawk il-faddala u l-investituri mhumiex residenti jew ċittadini tagħhom***; billi d-diskrepanza fil-profittabbiltà bejn il-banek tal-UE u dawk tal-Istati Uniti kibret; |

Or. nl

**Emenda 26**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi ***l-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' konsolidazzjoni transfruntiera*** tas-settur bankarju tal-UE qed jaffettwaw il- | C. billi ***l-karattru speċifiku*** tas-settur bankarju tal-UE qed jaffettwa l-kompetittività globali tiegħu; billi d- |

| | |
|---|---|
| kompetittività globali tiegħu; billi d-diskrepanza fil-profittabbiltà bejn il-banek tal-UE u dawk tal-Istati Uniti kibret; | diskrepanza fil-profittabbiltà bejn il-banek tal-UE u dawk tal-Istati Uniti kibret; |

Or. pl

**Emenda 27**
**Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi settur bankarju b'saħħtu huwa fundamentali biex iseħħ it-tkabbir ekonomiku, jiġu ffinanzjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda u tiġi żgurata t-tranżizzjoni ***lejn ekonomija ekoloġika u*** diġitali; | D. billi settur bankarju b'saħħtu ***u kompetittiv*** huwa fundamentali biex iseħħ it-tkabbir ekonomiku, jiġu ffinanzjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda u tiġi żgurata t-tranżizzjoni diġitali; ***billi huma meħtieġa oqfsa mmirati fl-Unjoni Bankarja biex jiġi żgurat li l-banek tal-UE jkunu jistgħu jimmiraw il-fondi lejn l-SMEs u n-negozji ġodda b'mod effiċjenti filwaqt li jibbilanċjaw l-obbligi tal-ġestjoni tar-riskju***; |

Or. en

**Emenda 28**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi settur bankarju b'saħħtu huwa fundamentali biex iseħħ it-tkabbir ekonomiku, jiġu ffinanzjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda u tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali; | D. billi settur bankarju b'saħħtu huwa fundamentali biex iseħħ it-tkabbir ekonomiku***, tiżdied il-possibbiltà ta' sjieda tad-djar, jitrawwem l-investiment u l-ħolqien tal-impjiegi***, jiġu ffinanzjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda u tiġi żgurata t- |

tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali;

Or. en

**Emenda 29**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi settur bankarju b'saħħtu huwa fundamentali biex iseħħ it-tkabbir ekonomiku, jiġu ffinanzjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda u tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali; | D. billi settur bankarju b'saħħtu ***u diversifikat*** huwa fundamentali biex iseħħ it-tkabbir ekonomiku, jiġu ffinanzjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda u tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali; |

Or. en

**Emenda 30**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi l-konklużjoni tar-riforma tal-oqfsa tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS), li tiffoka b'mod partikolari fuq il-banek żgħar u ta' daqs medju, hija fundamentali sabiex is-settur bankarju tal-Ewropa jiġi pprovdut b'sigurtà, stabbiltà u reżiljenza u unjoni bankarja kompluta bi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS) reali hija kundizzjoni bażika biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jafdaw lill-banek Ewropej;*** |

Or. pt

**Emenda 31**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi l-Unjoni Bankarja għandha tgħin biex tiġi indirizzata r-rabta jew iċ-ċirku vizzjuż li għadhom jeżistu bejn il-banek u d-dejn sovran fl-Unjoni Ewropea;*** |

Or. es

**Emenda 32**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Db (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi, skont il-Bank Ċentrali Ewropew, madwar 80 % tal-finanzjament estern tal-impriżi Ewropej jiġi mill-banek, meta mqabbel mal-20 % li jiġi mis-swieq kapitali;*** |

Or. es

**Emenda 33**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Dc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dc. billi l-BEI fl-2022 indika li 75 %-85 % tal-SMEs tal-UE jiddependu mis-self bankarju bħala sors ewlieni ta' finanzjament; billi 3-5 % biss tal-SMEs*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiksbu aċċess għal finanzjament permezz tal-ħruġ ta' bonds jew kapital fis-swieq finanzjarji;*** |

Or. es

**Emenda 34**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Dd (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dd. billi, fl-Istati Uniti, 30 % biss tal-kreditu lill-impriżi jiġi mill-banek, filwaqt li 70 % jiksbu finanzjament permezz tas-swieq kapitali jew il-ħruġ ta' bonds jew ta' ishma korporattivi;*** |

Or. es

**Emenda 35**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi f'April 2024, adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti; | E. billi f'April 2024, adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti ***minkejja ħafna tħassib***; |

Or. de

**Emenda 36**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi f'April 2024, adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti; | E. billi f'April 2024, adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti; ***billi s-CMDI ma għandux jitqies bħala sostitut għal EDIS;*** |

Or. en

**Emenda 37**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F. billi f'April 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu adotta rapport dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 38**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi f'April 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu adotta rapport dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti; | F. billi f'April 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu adotta ***b'pass mgħaġġel*** rapport dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti***, mingħajr ma ħalla lok biex issir id-diskussjoni intensiva meħtieġa***; |

Or. de

**Emenda 39**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi l-konsumaturi tas-servizzi bankarji għandhom jiġu protetti aħjar billi jingħataw aċċess għal strutturi trasparenti ta' tariffi, prattiki ta' self ġusti, u protezzjoni msaħħa tad-data tal-klijenti;*** |

Or. en

**Emenda 40**
**Fernando Navarrete Rojas, Fulvio Martusciello, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi d-depożitu assigurat mill-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti jammonta għal 37 % tad-depożiti totali[a];*** |
| | ***1a https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2024/764175/IPOL_BRI(2024)764175_EN.pdf*** |

Or. en

**Emenda 41**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero**

**Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fb. billi t-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) jirrikjedi l-istabbiliment ta' regoli komuni u għodod effettivi biex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq intern u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal finanzjament alternattiv;*** |

Or. en

**Emenda 42**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fc. billi l-istituzzjonijiet finanzjarji qed jibbażaw dejjem aktar fuq l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT); billi s-settur bankarju tal-UE jrid iżid ir-reżiljenza ċibernetika tiegħu biex jiżgura li s-sistemi tal-ICT jkunu jifilħu għal diversi tipi ta' theddid għaċ-ċibersigurtà;*** |

Or. en

**Emenda 43**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fd (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***Fd. billi d-diġitalizzazzjoni tal-finanzi tipprovdi opportunitajiet importanti għas-settur bankarju u ġabet magħha avvanzi teknoloġiċi importanti fis-settur bankarju tal-UE permezz ta' effiċjenza akbar fil-forniment tas-servizzi bankarji u interess akbar fl-innovazzjoni; billi dan joħloq ukoll sfidi, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, ir-riskji għar-reputazzjoni, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML), u t-tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumatur;*** |

Or. en

**Emenda 44**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fe (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fe. billi ż-żidiet fir-rati tal-imgħax kellhom impatt negattiv fuq il-kapaċità ta' self tal-unitajiet domestiċi u l-kapaċità tal-mutwatarji li jħallsu lura d-dejn u jagħmlu l-banek tal-UE vulnerabbli għal telf potenzjali fil-futur; billi r-riskji li jirriżultaw minn żidiet fir-rati tal-imgħax s'issa ġew indirizzati kif xieraq;*** |

Or. en

**Emenda 45**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ff (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ff. billi l-banek tal-UE rreġistew l-*** |

*impatt tal-aggressjoni Russa; billi huma għandhom rwol ċentrali fl-iżgurar tal-implimentazzjoni li għaddejja tas-sanzjonijiet kontra r-Russja imposti mill-UE b'reazzjoni għall-invażjoni, u tal-konformità magħhom; billi hija meħtieġa aktar koordinazzjoni biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet;*

Or. en

**Emenda 46**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fg (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Fg. billi t-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju huma fatturi li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-karti bilanċjali tal-banek, bħala sors ta' riskji li potenzjalment jistgħu jaffettwaw l-investimenti fir-reġjuni u fis-setturi kollha;*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fh (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Fh. billi l-UE u r-Renju Unit iffirmaw Memorandum ta' Qbil dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja tas-Servizzi Finanzjarji, u dan l-approċċ kooperattiv*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandu jirfed ir-relazzjonijiet fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit b'mod partikolari fil-qasam bankarju; billi l-Kummissjoni estendiet għal darb'oħra l-permess temporanju tagħha li jippermetti lill-banek u lill-maniġers tal-fondi tal-UE jużaw il-kmamar tal-ikklirjar tar-Renju Unit;*** |

Or. en

**Emenda 48**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li ***dan il-proġett joffri*** lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', ***iżid*** l-istabbiltà finanzjarja, ***inaqqas*** l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, ***jiffinanzja t-tranżizzjoni*** lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u ***jisfrutta l-potenzjal*** tat-tkabbir tal-UE; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB ***u tal-unjoni tas-swieq kapitali*** tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li ***dawn il-proġetti joffru*** lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa'***, inaqqsu d-dipendenza qawwija fuq il-kreditu bankarju biex jitkattru l-investiment u l-ħolqien tal-impjiegi, iżidu*** l-istabbiltà finanzjarja, ***inaqqsu*** l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, ***jiffinanzjaw it-tranżizzjoni*** lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u ***jisfruttaw il-potenzjal*** tat-tkabbir tal-UE; |

Or. es

**Emenda 49**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t- | 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t- |

| | |
|---|---|
| tlestija tal-UB ***tibqa' prijorità fundamentali***; jenfasizza li ***dan il-proġett joffri*** lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', ***iżid*** l-istabbiltà finanzjarja, ***inaqqas*** l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, ***jiffinanzja t-tranżizzjoni*** lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u ***jisfrutta l-potenzjal*** tat-tkabbir tal-UE; | tlestija tal-UB ***u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali jibqgħu prijoritajiet ewlenin***; jenfasizza li ***ż-żewġ proġetti joffru*** lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', ***iżidu*** l-istabbiltà finanzjarja, ***inaqqsu*** l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, ***jiffinanzjaw it-tranżizzjoni*** lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u ***jisfruttaw il-potenzjal*** tat-tkabbir tal-UE; |

Or. en

**Emenda 50**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías, Paolo Borchia, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li ***t-tlestija*** tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, jiffinanzja ***t-tranżizzjoni lejn ekonomija*** ekoloġika u diġitali ***u jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE***; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li ***l-governanza aħjar*** tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, jiffinanzja ***investimenti fl-ekonomija reali u jnaqqas il-potenzjal tat-tkabbir tal-UE, bil-kundizzjoni li jirrispetta l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi bankarji tal-Istati Membri, jevita soluzzjonijiet "waħda tajba għal kulħadd", jiżgura li l-istabbiltà finanzjarja ma tiġix imfixkla mill-kostijiet tat-tranżizzjoni*** ekoloġika u diġitali***, u jevita mġiba imprudenti mill-mutwalizzazzjoni tar-riskju fil-livell Ewropew***; |

Or. nl

**Emenda 51**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi***, jiffinanzja t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u*** jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi ***u jappoġġja l-kompetittività billi*** jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; |

Or. it

**Emenda 52**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali***; jenfasizza*** li dan il-proġett ***joffri lill-unitajiet*** domestiċi u ***lill-SMEs*** aċċess għal finanzjament usa', ***iżid*** l-istabbiltà finanzjarja, ***inaqqas*** l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, ***jiffinanzja*** t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u ***jisfrutta l-potenzjal*** tat-tkabbir tal-UE; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali ***iżda jissottolinja*** li dan il-proġett ***ma għandux ikun għad-detriment ta' banek żgħar u reġjonali, sabiex l-unitajiet*** domestiċi u ***l-SMEs jiksbu*** aċċess għal finanzjament usa', ***tiżdied*** l-istabbiltà finanzjarja, ***jitnaqqas*** l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, ***tiġi ffinanzjata*** t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u ***jiġi sfruttat il-potenzjal*** tat-tkabbir tal-UE; |

Or. de

**Emenda 53**
**Geadis Geadi, Kristoffer Storm**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, jiffinanzja ***t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali*** u jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, jiffinanzja u jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; |

Or. el

**Emenda 54**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, jiffinanzja t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, ***jagħti opportunitajiet ta' investiment addizzjonali,*** jiffinanzja t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; |

Or. en

**Emenda 55**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, jiffinanzja t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, jiffinanzja t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; ***jirrimarka li l-Kummissjoni jeħtieġ li tqis l-ispeċifiċitajiet tas-setturi bankarji nazzjonali meta jkunu wrew il-valur tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Fernando Navarrete Rojas, Fulvio Martusciello, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jinnota li l-ħtieġa li jkun hemm tħejjija għal episodji ta' stress bankarju li potenzjalment jistgħu jwasslu għal assalti bankarji bħal dawk li ġew osservati f'Marzu 2023 f'xi ġuriżdizzjonijiet barra l-UE u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-istabbiltà tad-depożiti;*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq bażi tad-data fil-livell tal-UE biex jitrawwem l-aċċess għal informazzjoni u koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tas-sanzjonijiet f'xi Stati Membri u tgħin biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet immirati; jenfasizza r-rwol tal-AMLA fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet u fl-identifikazzjoni tar-riskji għall-evażjoni tas-sanzjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jisħaq li r-reżiljenza ċibernetika hija essenzjali biex il-banek Ewropej jibqgħu kompetittivi, speċjalment fil-kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi u ż-żieda fil-għadd ta' attakki ċibernetiċi fuq infrastruttura kritika fl-UE;*** |

Or. nl

**Emenda 59**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota ***li integrazzjoni*** | 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota***, madankollu, il-*** |

| | |
|---|---|
| ***transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE***; | ***ħtieġa li jiġu indirizzati l-problemi u l-isfidi assoċjati mad-dilemma marbuta mal-pajjiż ta' oriġini kif ukoll dak ospitanti; jinnota li integrazzjoni akbar tas-suq transfruntier tirrikjedi li garanziji kredibbli għall-pajjiżi ospitanti jiġu riflessi fil-liġi tal-UE***; |

Or. pl

**Emenda 60**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; ***jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju*** bankarju ***żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE***; | 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; ***jenfasizza li d-diversità tal-mudelli ta' negozju*** bankarju ***ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja***; |

Or. en

**Emenda 61**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías, Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jinnota li UB ***aktar integrata*** tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE; | 2. Jinnota li UB ***organizzata aħjar u rregolata b'mod aktar intelliġenti*** tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE; |

Or. nl

**Emenda 62**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE; | 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE; ***jirrimarka li BU aktar integrata mhux neċessarjament hija l-istess bħal suq bankarju aktar konsolidat u li hemm benefiċċji għall-kompetizzjoni f'suq bankarju diversifikat;*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE; | 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE; ***jenfasizza li Unjoni Bankarja żviluppata b'mod sħiħ tippermetti li l-banek Ewropej jikbru u jkollhom pożizzjoni aħjar biex ikunu jistgħu jikkompetu fuq livell internazzjonali;*** |

Or. es

**Emenda 64**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE; | 2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE***, u għandha tkun miftuħa għal pajjiżi sħab oħra bħall-Iżvizzera, ir-Renju Unit jew l-Istati Uniti tal-Amerka***; |

Or. en

**Emenda 65**
**Manon Aubry, Pasquale Tridico**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Jinnota li l-qafas ta' riżoluzzjoni tal-Unjoni mhuwiex sostitut għal riformi strutturali fis-settur bankarju, u għad hemm riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja assoċjati ma' istituzzjonijiet li huma "kbar wisq biex ifallu"; jenfasizza, għalhekk, l-importanza tal-miżuri strutturali, bħas-separazzjoni tal-banek tal-investiment mill-banek kummerċjali u l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ta' kapital regolatorju aktar b'saħħithom;*** |

Or. en

**Emenda 66**
**Geadis Geadi, Kristoffer Storm**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jifhem li din tiżgura aċċess ugwali għaċ-ċittadini Ewropej kollha, irrispettivament mill-pajjiż ta' residenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea;*** |

Or. el

**Emenda 67**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-esponiment tal-banek għad-dejn sovran nazzjonali tela' għal 200 000 miljun skont l-aħħar rapport ta' Ottubru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, biex b'hekk qabeż il-USD 100 biljun, li jirrappreżenta 93 % tal-Prodott Domestiku Gross konġunt fi prezzijiet tas-suq; jinnota li skont l-istess tbassir għas-sena 2023, huwa kkalkulat li d-dejn pubbliku sovran se jkun ogħla mill-PDG globali; jaqbel li din iż-żieda fid-dejn seħħet f'kuntest ta' llaxkar tar-regoli fiskali imposti f'xi partijiet tad-dinja; ifakkar li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Unjoni Bankarja huwa li tkisser ir-rabta bejn ir-riskji sovrani u dawk bankarji;*** |

Or. es

**Emenda 68**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jenfasizza li mudelli bankarji differenti, kemm il-banek iffukati fuq livell reġjonali kif ukoll l-istituzzjonijiet transfruntiera għandhom jeżistu flimkien fl-Unjoni Bankarja u jipprovdu servizzi mfassla apposta kemm għall-unitajiet domestiċi, għall-SMEs kif ukoll għall-korporattivi kbar;*** |

Or. en

**Emenda 69**
**Pasquale Tridico, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' assi sikuri Ewropej komuni jsaħħaħ l-istabbiltà fis-settur bankarju;*** |

Or. en

**Emenda 70**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Jiddispjaċih li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala*** | ***imħassar*** |

***iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom;***

Or. en

**Emenda 71**
**Pasquale Tridico, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Jiddispjaċih li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jiddispjaċih*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn ***kostijiet ogħla, skala iżgħar u*** profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; | 3. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; |

Or. en

**Emenda 73**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías, Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jiddispjaċih*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla***, skala iżgħar*** u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; | 3. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; ***jisħaq li ma hemm l-ebda korrelazzjoni bejn id-daqs ta' bank u l-kapaċità ta' investiment jew is-saħħa finanzjarja tiegħu;*** |

Or. nl

**Emenda 74**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jiddispjaċih*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, ***skala iżgħar*** u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; | 3. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, ***burokrazija*** u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom***, jappella għal rieżami biex jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju***; |

Or. en

**Emenda 75**
**Fernando Navarrete Rojas, Fulvio Martusciello, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jiddispjaċih*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; | 3. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-effetti tal-imposti fuq it-taxxi nazzjonali fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu fuq il-kompetittività tas-settur bankarju tal-UE u l-prospetti għat-tlestija tal-UB;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jiddispjaċih*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; | 3. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; ***jinnota, madankollu, li l-karattru speċifiku tas-sistema bankarja tal-UE, bl-għadd kbir tagħha ta' banek iżgħar, jappella għal soluzzjonijiet li jqisu dan u huma mfassla għall-karatteristiċi tagħha;*** |

Or. pl

**Emenda 77**
**Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jiddispjaċih*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; | 3. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; ***jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tnaqqas il-piż burokratiku fuq is-settur bankarju biex ma jagħmilx ħsara lill-kompetittività tiegħu;*** |

Or. es

**Emenda 78**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jiddispjaċih*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; | 3. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; ***jinnota li d-diskrepanza fil-profittabbiltà meta mqabbla ma' ġuriżdizzjonijiet oħra hija dovuta kemm għal raġunijiet strutturali kif ukoll regolatorji;*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jiddispjaċih*** li l-kapaċità tal-banek | 3. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l- |

| | |
|---|---|
| tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom; | kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom***, iżda jżomm f'moħħu r-riskju "kbir wisq biex ifalli"***; |

Or. de

**Emenda 80**
**Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa oqfsa regolatorji fl-Unjoni Bankarja biex jissaħħaħ l-aċċess għall-finanzi mill-SMEs u min-negozji ġodda, filwaqt li r-rwol tagħhom jiġi rikonoxxut bħala s-sinsla tal-ekonomija tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn l-oqfsa jippermettu allokazzjoni tal-kapital effiċjenti filwaqt li jinżammu prattiki robusti tal-ġestjoni tar-riskju, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u għall-awtonomija strateġika tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 81**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jesprimi tħassib minħabba l-fatt li, filwaqt li l-istituzzjonijiet finanzjarji huma impenjati biex iżidu l-investiment fl-infrastruttura ħalli jippromwovu servizzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' pagament u diġitali u l-iskambju ta' data finanzjarja, entitajiet oħra mhux irregolati jistgħu joperaw mingħajr l-istess obbligi ta' protezzjoni tal-investituri, trasparenza u prevenzjoni tal-frodi;*** |

Or. it

**Emenda 82**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Huwa mħasseb li, filwaqt li l-istituzzjonijiet finanzjarji huma impenjati biex iżidu l-investimenti fl-infrastrutturi li għandhom l-għan li jsaħħu s-servizzi tal-pagament u servizzi diġitali oħra kif ukoll l-iskambju ta' data finanzjarja, atturi oħra mhux regolati jitħallew joperaw mingħajr l-istess obbligi fil-qasam tal-protezzjoni tal-investitur, it-trasparenza u l-prevenzjoni tal-frodi;*** |

Or. en

**Emenda 83**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-attività transfruntiera tal-banek tal-UE għadha pjuttost limitata, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' self; huwa għalhekk tal-fehma li huwa importanti li titlesta l-UB sabiex jinżamm il-moviment liberu tal-kapital f'suq intern kompletament integrat;*** |

Or. pt

**Emenda 84**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Josserva li l-Unjoni Bankarja ttejjeb l-aċċess għall-kreditu, filwaqt li fl-istess ħin tnaqqas l-ispejjeż tas-sistema bankarja, għall-benefiċċju tal-istess istituzzjonijiet u tal-utenti;*** |

Or. it

**Emenda 85**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Jirrikonoxxi li l-banek*** tal-UE li għadhom joperaw fir-Russja ***naqqsu l-attività tagħhom***; jistieden lill-istituzzjonijiet superviżorji ***jkomplu jassistu lil dawk il-banek biex ikomplu javvanzaw bil-ħruġ mis-suq Russu***; | 4. ***Jistieden lill-banek*** tal-UE li għadhom joperaw fir-Russja ***jitilqu mis-suq Russu mill-aktar fis possibbli***; jistieden lill-istituzzjonijiet superviżorji ***jagħmlu pressjoni f'dan ir-rigward***; |

Or. pl

**Emenda 86**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrikonoxxi li l-banek tal-UE li għadhom joperaw fir-Russja naqqsu l-attività tagħhom; jistieden lill-istituzzjonijiet superviżorji ***jkomplu jassistu lil*** dawk il-banek ***biex*** ikomplu javvanzaw bil-ħruġ mis-suq Russu; | 4. Jirrikonoxxi li l-banek tal-UE li għadhom joperaw fir-Russja naqqsu l-attività tagħhom; jistieden lill-istituzzjonijiet superviżorji ***jiżguraw li*** dawk il-banek ikomplu javvanzaw bil-ħruġ mis-suq Russu; |

Or. en

**Emenda 87**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrikonoxxi li l-banek tal-UE li għadhom joperaw fir-Russja naqqsu l-attività tagħhom; jistieden lill-istituzzjonijiet superviżorji jkomplu jassistu lil dawk il-banek biex ikomplu javvanzaw bil-ħruġ mis-suq Russu; | 4. Jirrikonoxxi li l-banek tal-UE li għadhom joperaw fir-Russja naqqsu l-attività tagħhom; jistieden lill-istituzzjonijiet superviżorji jkomplu jassistu lil dawk il-banek biex ikomplu javvanzaw bil-ħruġ ***rapidu*** mis-suq Russu; |

Or. en

**Emenda 88**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera[13] sostanzjali jgħin biex titlesta l-UB;*** | ***imħassar*** |

***[13] Ir-rapport Draghi, p. 61.***

Or. pl

**Emenda 89**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera[13] sostanzjali jgħin biex titlesta l-UB;*** | ***imħassar*** |

***[13] Ir-rapport Draghi, p. 61.***

Or. en

**Emenda 90**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera ***sostanzjali jgħin biex titlesta l-UB***; | 5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera ***jista' jitqies bħala għajnuna għat-tlestija tal-UB, madankollu, dan jista' jwassal għal duwaliżmu li joħloq trattament mhux ugwali bejn il-banek u jinfluwenza l-proċess ta' konsolidazzjoni fis-settur bankarju, li jwassal għall-ħtieġa ta' valutazzjoni fil-fond;*** |

***[13] Ir-rapport Draghi, p. 61.***

Or. it

**Emenda 91**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías, Paolo Borchia, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera sostanzjali[13] ***jgħin biex titlesta l-UB***; | 5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera sostanzjali[13] ***mhuwiex meħtieġ, u jirriskja li jimmina s-superviżjoni nazzjonali; jisħaq fuq l-importanza tal-proporzjonalità u jargumenta li banek sistemiċi kbar biss għandhom ikunu taħt is-superviżjoni tal-UE, kif inhu l-każ bħalissa, filwaqt li banek oħra għandhom jibqgħu taħt is-superviżjoni nazzjonali***; |
| [13] Ir-rapport Draghi, p. 61. | [13] Ir-rapport Draghi, p. 61. |

Or. nl

**Emenda 92**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jinnota li l-ħolqien*** ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera[13] ***sostanzjali jgħin*** biex titlesta l-UB; | 5. ***Jappella għal analiżi dettaljata tal-għażla*** ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera[13] ***sabiex ikun jista' jiġi vvalutat b'mod preċiż sa liema punt din tgħin*** biex titlesta l-UB; |
| [13] Ir-rapport Draghi, p. 61. | [13] Ir-rapport Draghi, p. 61. |

Or. en

**Emenda 93**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera[13] ***sostanzjali*** jgħin biex titlesta l-UB; | 5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera ***jista' jitqies bħala li*** jgħin biex titlesta l-UB***, għalkemm ikun ifisser duwaliżmu li jista' joħloq trattament mhux ugwali bejn il-banek u jaffettwa l-proċess ta' konsolidazzjoni fis-settur bankarju u b'hekk għandu jiġi kkunsidrat bir-reqqa***; |

***[13] Ir-rapport Draghi, p. 61.***

Or. en

**Emenda 94**
**Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jinnota*** li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera sostanzjali[13] jgħin biex titlesta l-UB; | 5. ***Jaqbel*** li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera sostanzjali[13] jgħin biex titlesta l-UB; |
| [13] Ir-rapport Draghi, p. 61. | [13] Ir-rapport Draghi, p. 61. |

Or. en

**Emenda 95**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera sostanzjali[13] jgħin biex titlesta l-UB; | 5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera sostanzjali[13] jgħin biex titlesta l-UB; ***jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tesplora aktar dan il-kunċett;*** |
| [13] Ir-rapport Draghi, p. 61. | [13] Ir-rapport Draghi, p. 61. |

Or. en

**Emenda 96**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Iqis li huwa essenzjali li jiġu żgurati livelli għoljin ta' fiduċja tal-pubbliku fis-settur bankarju u jsostni li r-relazzjoni għandha tinbena fuq: il-forniment mill-banek ta' servizzi bankarji kompetittivi, moderni u trasparenti; il-forniment ta' skemi superviżorji, ta' riżoluzzjoni u ta' protezzjoni tad-depożiti effiċjenti mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet tal-UE; u impenn mill-atturi kollha fis-settur bankarju tal-UE biex itejbu l-litteriżmu finanzjarju tal-Ewropej sabiex jiġu appoġġjati t-tfaddil u l-investiment mill-familji u min-negozji;*** |

Or. pt

**Emenda 97**
**Auke Zijlstra, Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza li l-kultura bankarja tvarja ħafna bejn l-Istati Membri; jilqa' din id-diversità; jirrimarka li l-BĊE tenna diversi drabi li d-daqs tal-bank mhuwiex ir-raġuni ewlenija għaliex il-banek tal-Istati Uniti huma aktar b'saħħithom minn dawk Ewropej; jindika l-evidenza xjentifika li l-benefiċċji marġinali għall-fużjonijiet tal-banek kbar huma konsiderevolment iżgħar minn dawk għall-fużjonijiet iżgħar[1a];*** |
| | ***__________________*** |
| | ***[1a] Kristen Regehr u Rajdeep Sengupta, "Has the Relationship between Bank Size and Profitability Changed?" (Ir-Relazzjoni bejn id-Daqs tal-Bank u l-Profittabbiltà Nbidlet?), Economic Review, It-Tieni Trimestru 2016, Federal Reserve Bank of Kansas City, 49-72.*** |

Or. nl

**Emenda 98**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jinnota li bil-konklużjoni tal-programm tax-xiri tal-assi (APP) u t-tmiem li qed joqrob tal-programm ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (PEPP), hemm ħtieġa li qed tiżdied ta' għodod ta' finanzjament; f'dan id-dawl, rieżami tal-qafas ta' titolizzazzjoni biex jissaħħu s-swieq Ewropej u l-introduzzjoni ta' Noti Garantiti Ewropej bħala strument ta' finanzjament ta' rikors doppju għall-SMEs għal finanzjament fit-tul huma kruċjali;*** |

Or. en

**Emenda 99**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza li l-iskopertura tal-banek taż-żona tal-euro għad-dejn sovran domestiku għadha għolja, u jiġbed l-attenzjoni għar-riskji involuti; ifakkar li wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Unjoni Bankarja huwa li tkisser iċ-ċirku vizzjuż bejn l-istat u l-banek u r-rabta bejn ir-riskji bankarji u dawk sovrani; ifakkar li r-riskju ta' skopertura eċċessiva għad-dejn sovran żdied bħala riżultat ta' rati tal-imgħax li qed jiżdiedu;*** |

Or. pl

**Emenda 100**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jirrikonoxxi li biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda u tiżdied il-kompetizzjoni minn pajjiżi terzi, hemm ħtieġa dejjem akbar ta' strumenti ta' finanzjament; f'dan ir-rigward, huwa kruċjali li jiġi rivedut il-qafas ta' titolizzazzjoni biex jittejbu s-swieq Ewropej u jiġu introdotti Noti Garantiti Ewropej bħala strument ta' finanzjament ta' rikors doppju għall-SMEs għall-finanzjamenti fit-tul;*** |

Or. it

**Emenda 101**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jinkoraġġixxi l-użu tal-profitti biex jinbnew riżervi, u b'hekk tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja; jinnota li s-sospensjoni temporanja tad-distribuzzjoni tad-dividendi u tax-xiri lura tal-ishma kienet effettiva biex tissalvagwardja r-reżiljenza tal-banek matul il-kriżi tal-COVID-19; jappella għall-introduzzjoni ta' limitazzjoni vinkolanti fuq id-distribuzzjoni tad-dividendi u x-xiri lura tal-ishma fi żminijiet ta' kriżi;*** |

Or. en

**Emenda 102**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati miżuri għar-riforma strutturali tal-banek globali sistemikament importanti fl-UE bħala l-uniku mod biex titneħħa t-theddida li l-banek il-kbar joħolqu għall-istabbiltà finanzjarja u, konsegwentement, jiġu indirizzati b'mod fundamentali r-riskji ta' periklu morali;*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jissottolinja li l-litteriżmu finanzjarju huwa essenzjali fl-ekonomiji moderni, billi jikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-sistemi bankarji fl-Istati Membri u jħeġġeġ l-attività finanzjarja transfruntiera;*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Pasquale Tridico**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jappella għal żieda fl-inklużjoni finanzjarja billi tiġi indirizzata d-deżertifikazzjoni tal-banek u jiġu pprovduti servizzi ta' kreditu u finanzjarji f'żoni ġeografiċi b'distribuzzjoni ħażina tal-fergħat tal-banek;*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Huwa tal-fehma li s-settur bankarju huwa rregolat biżżejjed dwar il-kwistjonijiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***u li għalhekk huwa meħtieġ li jiġu limitati l-bidliet sostanzjali fil-qafas legali għal aspetti konkreti li jaħdmu lejn l-għanijiet tad-diġitalizzazzjoni, tal-modernizzazzjoni, tas-simplifikazzjoni u tal-kompetittività akbar; isostni li ċ-ċertezza legali, is-sigurtà, il-prevedibbiltà u l-istabbiltà huma essenzjali biex il-banek tal-UE jkunu jistgħu joperaw f'kundizzjonijiet favorevoli;*** |

Or. pt

**Emenda 106**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Itenni l-importanza ta' assi sikur Ewropew fiż-żona tal-euro bħala mod biex jiġu stabbilizzati s-swieq finanzjarji u jiġi permess lill-banek inaqqsu l-iskopertura tal-karti bilanċjali tagħhom għad-dejn sovran nazzjonali; iqis li Next Generation EU jipprovdi assi Ewropej ta' kwalità għolja u b'riskju baxx, li jippermettu riekwilibriju ta' bonds sovrani fuq il-karti bilanċjali tal-banek; jenfasizza l-importanza li tiġi ppreżervata d-disponibbiltà ta' assi sikuri b'mod permanenti;*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Ifakkar li l-Unjoni Bankarja tfisser ukoll soluzzjonijiet ta' finanzjament alternattivi speċjalment għall-SMEs bħal finanzi ta' fatturament jew kummerċjali; jinnota li, minbarra s-self tradizzjonali, sorsi varji ta' finanzjament jistgħu jkunu ta' benefiċċju għat-tkabbir tal-UE u l-kompetittività tal-UE, u jirrikonoxxi n-natura ta' riskju baxx ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament garantiti b'assi;*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Pasquale Tridico**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea toħloq inċentivi addizzjonali għall-banek biex jagħtu prijorità lill-finanzjament ekoloġiku, inkluż krediti tat-taxxa u aċċess għal self b'imgħax baxx għal proġetti sostenibbli, li jistgħu jpoġġu lill-banek Ewropej bħala mexxejja fil-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika;*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Ifakkar li r-Rapport dwar l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Istabbiltà Finanzjarja Dinjija tal-FMI ppubblikat f'Ottubru 2024 jidentifika s-settur finanzjarju mhux bankarju bħala sors ta' riskju potenzjali, filwaqt li jsemmi l-interkonnessjonijiet tiegħu, in-nuqqas ta' qbil possibbli tal-likwidità u n-nuqqas ta' trasparenza;*** |

Or. en

**Emenda 110**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Jenfasizza r-rwol tas-settur bankarju fl-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitalizzata u newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, fid-direzzjonar tal-fondi lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u fl-appoġġ għall-ilħuq tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE u tal-Liġi tal-UE dwar il-Klima; jieħu nota tal-banek tal-UE li jkomplu jnaqqsu l-iskopertura tagħhom għal korporattivi intensivi fl-enerġija u fil-fjuwils fossili; jinnota li l-fjuwils fossili huma l-kontributur ewlieni għall-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, u li ħafna assi tal-fjuwils fossili se jkollhom jiġu abbandunati qabel it-tmiem tal-ħajja ekonomika tagħhom, filwaqt li jitilfu l-valur kollu tagħhom u jsiru assi mhux rekuperabbli;*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5e. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-istituzzjonijiet finanzjarji ma rnexxilhomx jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri, speċjalment fil-korpi maniġerjali tagħhom; jisħaq li l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet u fil-forza tax-xogħol huwa pożittiv kemm għas-soċjetà kif ukoll għall-ekonomija; jistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji jaġġornaw fuq bażi regolari l-politiki tagħhom dwar id-diversità u l-inklużjoni u jgħinu fit-trawwim ta' kulturi tax-xogħol sani li jagħtu prijorità lill-inklużività; jistieden lill-awtoritajiet superviżorji jagħmlu użu mis-setgħat superviżorji tagħhom biex jindirizzaw in-nuqqas ta' diversità u bilanċ bejn il-ġeneri fil-korpi maniġerjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji;*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Pasquale Tridico, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE;*** jisħaq li ***l-Kummissjoni*** għandha ***tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ*** dewmien ***fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE***; ***jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026;*** | 6. Jisħaq li ***l-UE*** għandha ***timplimenta b'mod sħiħ u mingħajr*** dewmien ***ir-riforma ta' Basel III***; |

Or. en

**Emenda 113**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; ***jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026;*** | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; |

Or. pl

**Emenda 114**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Eero Heinäluoma, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; ***jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026;*** | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; |

Or. en

**Emenda 115**
**Irene Tinagli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; ***jisħaq*** li ***l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE***; ***jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026***; | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; ***jenfasizza*** li ***r-regoli l-ġodda saħħew u speċifikaw aħjar il-proporzjonalità fis-superviżjoni bankarja***; ***jistieden lis-superviżuri nazzjonali u Ewropej japplikaw b'mod effettiv dan il-prinċipju***; |

Or. en

**Emenda 116**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; ***jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività*** tal-banek tal-UE; ***jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026;*** | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; ***jaqbel mal-MSU li l-posponimenti tad-dispożizzjonijiet ta' Basel III, inkluż ir-rieżami fundamentali tal-portafoll tan-negozjar, mhumiex meħtieġa filwaqt li l-implimentazzjoni tagħhom ma tagħmilx ħsara lill-kompetittività*** tal-banek tal-UE[1a]; |

***[1a] Laqgħa tal-Kumitat ECON, it-2 ta'***

*Settembru 2024*

Or. en

**Emenda 117**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha ***tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE***; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid ***tar-riskju*** tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha ***timmonitorja kwalunkwe impatt f'termini ta' kompetittività li jirriżulta mit-traspożizzjoni tal-istandards ta' Basel III fl-Ewropa fid-dawl tal-fatt li reġjuni oħra għadhom ma adottawx dan il-qafas***; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid ***dwar ir-riskji*** tas-suq b'sena**,** għall-1 ta' Jannar 2026; ***minbarra tali posponiment, jista' jiġi vvalutat jekk interventi mmirati fir-rigward ta' dawn ir-regoli humiex xierqa biex itaffu l-impatt tal-FRTB għall-banek kollha;*** |

Or. it

**Emenda 118**
**Auke Zijlstra, Paolo Borchia, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jilqa'*** l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li ***l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex*** meħtieġ | 6. ***Jinnota*** l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li huwa meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni ***tiegħu*** biex |



MT

| | |
|---|---|
| dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; | tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE***, speċjalment fil-kuntest tal-iżviluppi fl-Istati Uniti***; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; |

Or. nl

**Emenda 119**
**Fernand Kartheiser**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jilqa' l-adozzjoni*** mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa ***bir-reqqa*** jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; | 6. ***Jieħu nota tal-adozzjoni*** mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa ***fuq bażi regolari*** jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; |

Or. en

**Emenda 120**
**Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ |

| | |
|---|---|
| dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; ***jilqa'***, f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; | dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; ***jinnota***, f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; ***jissottolinja l-ħtieġa ta' impenn sħiħ għall-implimentazzjoni sħiħa tal-istandards li ntlaħaq qbil dwarhom fuq livell globali;*** |

Or. en

**Emenda 121**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE***, filwaqt li tirrikonoxxi li reġjuni oħra għadhom ma adottawx dan il-qafas***; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; ***jistieden lill-Kummissjoni biex, minbarra tali posponiment, tikkunsidra aġġustamenti oħra fil-qafas sabiex jitnaqqas l-impatt tal-FRTB u r-riskju ta' żvantaġġ kompetittiv għall-banek kollha irrispettivament mill-metodoloġiji ta' riskju adottati;*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; ***jissottolinja n-nuqqas kontinwu ta' ċarezza dwar l-implimentazzjoni tal-istandards ta' Basel III f'xi ġuriżdizzjonijiet oħra u r-riskju ta' kwistjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwivalenti internazzjonali li dan jista' joħloq***; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; |

Or. en

**Emenda 123**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; ***jinnota bi tħassib li ġuriżdizzjonijiet oħra segwew aġenda inqas ambizzjuża***; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività ***internazzjonali*** tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; |

Or. en

**Emenda 124**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; | 6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq kontroll eżawrjenti ta' jekk ġuriżdizzjonijiet oħrajn, speċjalment il-kompetituri tagħna, humiex qed japplikaw il-ftehim u, f'każ li mhumiex qed jagħmlu dan, tikkunsidra li ma tkomplix tapplikah fl-Unjoni biex tevita ħsara lill-kompetittività tal-banek Ewropej;*** |

Or. es

**Emenda 125**
**Irene Tinagli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jissottolinja li l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiġu mħeġġa jinvolvu ruħhom f'ristrutturar proattiv, preventiv u sinifikattiv tad-dejn biex jappoġġjaw lid-debituri, meta jitqies xieraq, mingħajr ma*** |

***neċessarjament jimplika li għandha titqies li seħħet inadempjenza; jisħaq li l-ispeċifikazzjoni attwali ta' x'jikkostitwixxi obbligu finanzjarju materjali mnaqqas fil-każ li ristrutturar f'diffikultà ma jipprovdix flessibbiltà adegwata lill-istituzzjonijiet ta' kreditu; jappella għal klassifikazzjoni aktar granulari li tqis, fost affarijiet oħra, it-tip ta' konċessjoni mogħtija, il-maturità residwa tal-iskopertura u t-tul tal-posponiment; ifakkar li l-ftehim politiku dwar ir-reviżjoni tar-regolament CRR jistieden lill-EBA tirrieżamina l-linji gwida tagħha dwar il-kwistjoni billi tqis il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet jitħeġġu jinvolvu rwieħhom f'ristrutturar tad-dejn proattiv, preventiv u sinifikattiv biex jappoġġjaw lid-debituri u billi tipprovdi flessibbiltà adegwata lill-istituzzjonijiet; jistieden lill-EBA tirrispetta l-indikazzjonijiet mogħtija mill-koleġiżlaturi;***

Or. en

**Emenda 126**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jinnota li l-pakketti bankarji jinkludu għadd sinifikanti ta' mandati għall-EBA; jistieden lill-EBA tirrispetta dawn il-mandati biex jiġi evitat impatt akbar fuq il-kapaċità ta' self tal-banek lill-SMEs u lill-familji;*** |

Or. it

**Emenda 127**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Ifakkar li l-Pakkett Bankarju fih għadd kbir ta' mandati għall-EBA; jistieden lill-EBA tibqa' ssegwi tali mandati sabiex tevita żieda fl-impatt fuq il-kapaċità ta' self tal-banek;*** |

Or. en

**Emenda 128**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li l-proporzjon medju tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni baqa' f'livelli għoljin, ta' 15,81 %; | 7. Jinnota ***li, diġà fil-qafas regolatorju eżistenti, is-settur bankarju wera r-reżiljenza tiegħu waqt l-avvenimenti tas-suq ta' dawn l-aħħar snin, u*** li l-proporzjon medju tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni baqa' f'livelli għoljin, ta' 15,81 %; |

Or. en

**Emenda 129**
**Pasquale Tridico**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li l-proporzjon medju tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni baqa' f'livelli għoljin, ta' 15,81 %; | 7. Jinnota li l-proporzjon medju tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni baqa' f'livelli għoljin, ta' 15,81 %***, u li sabiex tiġi ffaċilitata l-inklużjoni finanzjarja u tiġi indirizzata l-kwistjoni tad-deżertifikazzjoni tal-banek, il-benefiċċju*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***pprovdut mill-fatturi ta' sostenn lill-SMEs għandu jiżdied b'50 % għall-iskoperturi ta' kreditu kollha oriġinati mill-uniku bank operattiv fil-muniċipalità, billi din il-politika għandha l-għan li tiżgura l-preżenza ta' mill-inqas fergħa tal-bank waħda f'kull muniċipalità, u b'hekk tipprovdi servizzi finanzjarji u tiffaċilita l-aċċess tal-kreditu lill-SMEs u l-investimenti ekoloġiċi***; |

Or. en

**Emenda 130**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li l-proporzjon medju tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni baqa' f'livelli għoljin, ta' 15,81 %; | 7. Jinnota li l-proporzjon medju tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni baqa' f'livelli għoljin, ta' 15,81 % ***li jindika livell għoli ta' reżiljenza tal-banek Ewropej***; |

Or. en

**Emenda 131**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jinnota li ***l-proporzjon*** tas-self li ma jrendix ***baqa'*** stabbli fil-livell ta' 2,30 % u l-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità kien ta' 159,39 %; | 8. Jinnota li ***r-rata*** tas-self li ma jrendix ***baqgħet*** stabbli fil-livell ta' 2,30 %***, filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi sinifikattivi li saru mill-Istati Membri biex jitnaqqas l-istokk ta' self li ma jrendix,*** u jinnota ***li*** l-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità kien ta' 159,39 %; |

Or. it

**Emenda 132**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jinnota li ***l-proporzjon*** tas-self li ma jrendix ***baqa'*** stabbli fil-livell ta' 2,30 % ***u l-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità kien ta' 159,39 %***; | 8. Jinnota li ***r-rata*** tas-self li ma jrendix ***baqgħet*** stabbli fil-livell ta' 2,30 %***, filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi li sar mill-Istati Membri biex jitnaqqas l-istokk ta' self li ma jrendix***; |

Or. it

**Emenda 133**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jinnota li l-proporzjon tas-self li ma jrendix baqa' stabbli fil-livell ta' madwar 2,30 % mit-tielet trimestru tal-2022; jinnota li, f'termini assoluti, l-ammont ta' EUR 356,1 biljun f'self li ma jrendix irreġistrat fil-110 istituzzjoni superviżata jitqabbel ma' EUR 988,9 biljun f'self improduttiv irreġistrat fil-102 istituzzjonijiet superviżati fit-tieni trimestru tal-2015, li jirrifletti trajettorja sinifikanti 'l isfel, u jħalli l-istokk ta' self totali li ma jrendix f'livell ta' 36 % ta' dak li kien fl-2015; iqis li għandu jkun hemm sforz reali biex titnaqqas l-iskopertura tal-banek Ewropej għal dak it-tip ta' self;*** |

Or. pt

**Emenda 134**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jenfasizza l-kundizzjonijiet makroekonomiċi negattivi u d-diffikultajiet ġeopolitiċi, li jistgħu jwasslu għal deterjorament fil-kwalità tal-assi; jenfasizza, għalhekk, l-importanza ta' ġestjoni tar-riskju prudenti u proviżjonament xieraq;*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Geadis Geadi, Kristoffer Storm**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jinnota l-ħtieġa ta' klassifikazzjoni xierqa ta' self li ma jrendix, li tiddistingwi bejn partijiet inadempjenti strateġiċi u mhux strateġiċi, li kull waħda minnhom għandha tiġi ttrattata b'mod differenti;*** |

Or. el

**Emenda 136**
**Pasquale Tridico, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Iwissi, madankollu, dwar id-deterjorament gradwali tal-kwalità tal-*** |

***assi, xprunat mill-proprjetà immobbli kummerċjali, mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u mill-kreditu tal-konsumatur;***

Or. en

**Emenda 137**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jiġbed l-attenzjoni għall-iżvilupp malajr tas-servizzi ta' pagamenti differiti, li jista' jaffettwa l-livell ta' self li ma jrendix fil-futur;*** |

Or. pl

**Emenda 138**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8b. Jinnota, f'dan ir-rigward, il-livelli differenti ta' skopertura għal self li ma jrendix u jfakkar li hemm Stati Membri li għandhom livelli ta' skopertura ta' madwar 1 % jew saħansitra aktar baxxi, filwaqt li Stati Membri oħra għandhom livelli ta' skopertura li jaqbżu t-3 % jew saħansitra l-4 %;*** |

Or. pt

**Emenda 139**

**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *9.* ***Jinnota n-nuqqas ta' progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta' eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta' proċeduri sabiex jiġu żviluppati aktar is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix;*** | ***imħassar*** |

Or. pl

**Emenda 140**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *9.* ***Jinnota n-nuqqas ta' progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta' eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta' proċeduri sabiex jiġu żviluppati aktar is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Jinnota n-nuqqas ta' progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta' eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta' proċeduri sabiex jiġu żviluppati aktar is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 142**
**Irene Tinagli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Jinnota n-nuqqas ta' progress dwar il-proposta għal direttiva*** dwar is-servizzjanti tal-kreditu***, ix-xerrejja*** tal-kreditu ***u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta' eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta' proċeduri sabiex jiġu żviluppati aktar is-swieq sekondarji*** għal self li ma jrendix; | 9. ***Jenfasizza li d-direttiva*** dwar is-servizzjanti tal-kreditu ***u x-xerrejja*** tal-kreditu ***għamlet is-suq sekondarju*** għal self li ma jrendix ***aktar effiċjenti, filwaqt li stabbiliet salvagwardji għoljin għad-debituri***; ***jissottolinja li l-bejgħ ta' self li ma jrendix jirrappreżenta t-tieni l-aħjar soluzzjoni meta mqabbel mar-ritorn tal-kreditu għal status ta' prestazzjoni; jisħaq li jekk id-debitur ikun unità domestika, il-banek huma meħtieġa jeżerċitaw, meta jkun xieraq, tolleranza raġonevoli qabel il-bejgħ ta' self indebolit u qabel ma jinbdew il-proċedimenti ta' infurzar; jitlob li din il-prattika tiġi estiża għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;*** |

Or. en

**Emenda 143**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jinnota n-nuqqas ta’ progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta’ eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta’ proċeduri ***sabiex*** jiġu żviluppati aktar is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix; | 9. Jinnota n-nuqqas ta’ progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ***dwar*** ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta’ eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta’ proċeduri ***bil-għan*** jiġu żviluppati aktar is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix***; jappella għal riflessjoni ulterjuri dwar l-istabbiliment ta’ sistema ta’ garanzija Ewropea li għandha l-għan li ttejjeb id-disponiment possibbli tas-self li ma jrendix***; |

Or. it

**Emenda 144**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Jinnota n-nuqqas*** ta’ progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta’ eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta’ proċeduri sabiex jiġu żviluppati aktar | 9. ***Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas*** ta’ progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta’ eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta’ proċeduri sabiex jiġu |

| | |
|---|---|
| is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix; | żviluppati aktar is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix; |

Or. en

**Emenda 145**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jinnota n-nuqqas ta' progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta' eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta' proċeduri sabiex jiġu żviluppati aktar is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix; | 9. Jinnota n-nuqqas ta' progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta' eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta' proċeduri sabiex jiġu żviluppati aktar is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix; ***jappella għal aktar riflessjonijiet fuq sistema ta' garanzija Ewropea li għandha l-għan li tiffaċilita d-disponimenti tal-NPLs f'ċerti kundizzjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 146**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jissottolinja li fl-2023, l-imgħax fuq il-parteċipazzjonijiet tal-banek kummerċjali ta' riżervi tal-bank ċentrali wassal biex l-Eurosistema ħallset EUR 152 biljun f'imgħax lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u dan*** |

***ppermettielhom jagħmlu profitti kbar fuq l-assi b'likwidità għolja; jisħaq li tali trasferimenti tal-imgħax lill-banek kummerċjali jnaqqsu t-trasferimenti tal-profitti lill-gvernijiet nazzjonali li jammontaw għal sussidju eżorbitanti għas-settur bankarju barra mill-mandat ta' deliberazzjoni u skrutinju demokratiċi; jappella għall-mitigazzjoni ta' din il-kwistjoni b'mod strutturali billi jitqies li jiġu imposti rekwiżiti ta' riżervi minimi mingħajr imgħax min-naħa tar-riżervi bankarji, filwaqt li jiġu remunerati r-riżervi f'eċċess ta' dawn ir-rekwiżiti minimi;***

Or. en

**Emenda 147**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jinnota li l-Linji Gwida tal-EBA dwar ir-ristrutturazzjoni oneruża huma skaduti u għandhom jiġu riveduti sabiex tiġi evitata żieda mhux ġustifikata ta' skoperturi tal-banek bħala inadempjenti u jitneħħew l-inkonsistenzi attwali bejn dawn il-Linji Gwida tal-aħħar u atti leġiżlattivi li għandhom l-għan li jħeġġu lill-banek japprovaw miżuri ta' tolleranza; ifakkar, fl-istess waqt, fil-mandat mogħti lill-EBA dwar tali suġġett;*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***9a. Jinnota li l-qafas attwali jwassal għal żieda bla bżonn fl-iskoperturi ta' banek klassifikati bħala inadempjenti, b'impatt fuq id-debituri li jiffaċċjaw diffikultajiet temporanji; ifakkar fil-mandat mogħti lill-EBA mill-Pakkett Bankarju li jirrappreżenta ambitu ta' opportunità biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni;*** |

Or. it

**Emenda 149**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| ***10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ppreservata r-reżiljenza tas-settur bankarju;*** | ***imħassar*** |

Or. es

**Emenda 150**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| ***10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati*** | ***imħassar*** |

***addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ppreservata r-reżiljenza tas-settur bankarju;***

Or. en

**Emenda 151**
**Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju ***jistgħu*** jipprovdu opportunità ***għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ppreservata r-reżiljenza tas-settur bankarju***; | 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju ***għandhom*** jipprovdu opportunità ***għall-banek biex iżidu s-self tagħhom lill-ekonomija reali u jinvolvu rwieħhom f'offerti ta' prodotti kompetittivi***; |

Or. en

**Emenda 152**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu ***jipprovdu*** opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u ***jgħinu*** biex tiġi ***ppreservata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; | 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu ***jirrappreżentaw*** opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u ***jikkontribwixxu*** biex tiġi ***ppreżervata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; ***jitlob lill-Kummissjoni Ewropea, min-naħa l-oħra, teżamina bir-reqqa l-modi kif tista' ssir riforma tal-qafas makroprudenzjali biex jiġi żgurat li ma jiżdidux ir-rekwiżiti ta' kapital, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ekwi ma' ġuriżdizzjonijiet oħra;*** |

Or. it

**Emenda 153**
**Jorge Martín Frías, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali ***u jgħinu biex tiġi ppreservata r-reżiljenza*** tas-settur bankarju; | 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali ***biss wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa biex jiġi żgurat li dawn il-miżuri ma jxekklux l-aċċess għall-kreditu, jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-SMEs jew jimminaw il-kompetittività*** tas-settur bankarju; |

Or. en

**Emenda 154**
**Pasquale Tridico**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ***ppreservata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; | 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ***ppreżervata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; ***jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-għodod ta' superviżjoni makroprudenzjali permezz ta' koordinazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet kompetenti u li jissaħħaħ ir-rwol tal-Bank Ċentrali Ewropew biex jiffaċilita l-operazzjonijiet transfruntiera*** |

***tal-gruppi bankarji u l-konsolidazzjoni bankarja fl-Unjoni Ewropea;***

Or. en

**Emenda 155**
**Auke Zijlstra, Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ***ppreservata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; | 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ***ppreżervata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; ***jisħaq li ż-żieda fir-rati tal-imgħax, il-gwerra kummerċjali li għaddejja u l-impenji biex isir investiment fl-ekoloġizzazzjoni, irrispettivament mill-profittabbiltà ta' dawn l-investimenti, jistgħu jżidu ħafna l-kostijiet ta' finanzjament u jistgħu jaffettwaw b'mod konsiderevoli l-profittabbiltà tal-banek;*** |

Or. nl

**Emenda 156**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ***ppreservata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; | 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ***ppreżervata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; ***jistieden, min-naħa l-*** |

***oħra, lill-Kummissjoni Ewropea tevalwa bir-reqqa kif għandha tirrevedi l-qafas makroprudenzjali sħiħ sabiex tevita żieda bla bżonn tar-rekwiżiti ta' kapital;***

Or. en

**Emenda 157**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ***ppreservata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; | 10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ***ppreżervata*** r-reżiljenza tas-settur bankarju; ***jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni Ewropea tirrevedi l-qafas makroprudenzjali kollu sabiex tevita żieda bla bżonn fir-rekwiżiti ta' kapital;*** |

Or. it

**Emenda 158**
**Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jilqa' l-impenn tal-President von der Leyen li tippreżenta miżuri ta' assorbiment tar-riskju ħalli jkun aktar faċli għall-banek kummerċjali, għall-investituri u għall-kapital ta' riskju li jiffinanzjaw il-kumpaniji li jkunu qed jikbru malajr[1a]; jinnota li l-aġġustament tal-aptit għar-riskju tal-banek Ewropej*** |

***jista' jisfrutta kapital ta' investiment sinifikanti iżda dan irid isir b'mod li ma joħloqx riskju sistemiku jew periklu morali;***

_________________

***[1a] Ursula Von der Leyen, Europe's Choice: Political Guidelines for the next European Commission 2024-2029 (L-Għażla tal-Ewropa: Linji Gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029 li jmiss), p.11, https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_en?filename=Political%20Guidelines%202024-2029_EN.pdf***

Or. en

**Emenda 159**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jilqa' r-rapport tal-EIOPA bit-titolu "Prudential Treatment of Sustainability Risks" (Trattament Prudenzjali tar-Riskji ta' Sostenibbiltà); jappoġġja s-sejbiet tar-rapport li l-allokazzjonijiet ta' kapital addizzjonali għall-bonds u għall-ekwitajiet relatati mal-fjuwils fossili huma xierqa minħabba l-profil ta' riskju għoli tagħhom; jistieden lill-EBA taġġorna l-pożizzjoni tagħha dwar il-kwistjoni;*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías, Paolo Borchia, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jagħti istruzzjonijiet lill-BĊE biex jikkalkula l-kost tal-konformità mas-CSDDD, mas-CSRD u ma' leġiżlazzjoni ekoloġika u ta' sostenibbiltà oħra, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari lill-kost tat-tariffi tal-konsulenza meħtieġa biex tintlaħaq konformità ma' dawn l-obbligi;*** |

Or. nl

**Emenda 161**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu r-rekwiżiti ta' kapital għall-iskoperturi għar-riskju klimatiku, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni ta' regola ta' kapital "wieħed għal kull wieħed", fejn kull euro ta' finanzjament għall-esplorazzjoni tal-fjuwils fossili l-ġodda jkun akkumpanjat minn euro ta' kapital tal-mutwanti;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10c. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali tas-*** |

***settur bankarju li jalloka finanzjament għal investimenti sostenibbli u jippermetti t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima; jissottolinja l-importanza tar-regolament dwar it-Tassonomija għal tali sforz;***

Or. en

**Emenda 163**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10d. Iqis li l-qafas tal-finanzi sostenibbli għadu mhux komplet; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni attwali tar-regolament dwar it-Tassonomija billi tiġi inkluża sistema ta' klassifikazzjoni għal attivitajiet ambjentalment mhux sostenibbli kif ukoll soċjalment sostenibbli; jappella għal reviżjoni tar-Regolament dwar id-Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà Finanzjarja biex jiġu eliminati l-opportunitajiet ta' greenwashing u jiġu inkorporati standards minimi vinkolanti tas-sostenibbiltà għall-prodotti finanzjarji u biex il-fondi jiġu kkummerċjalizzati bħala sostenibbli għall-investituri;*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Fernand Kartheiser**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' l-ħolqien ta' Awtorità ġdida għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu; | 11. Jilqa' l-ħolqien ta' Awtorità ġdida għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu ***(AMLA)***; ***jappella għal kooperazzjoni stretta tal-AMLA kemm mal-partijiet ikkonċernati eżistenti nazzjonali kif ukoll dawk internazzjonali fil-ġlieda kontra il-prattiki ta' ħasil tal-flus, bl-għan li jiġi evitat ix-xogħol doppju jew kwalunkwe piż burokratiku addizzjonali ieħor għall-atturi rilevanti kollha fis-settur privat;*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' l-ħolqien ta' Awtorità ġdida għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu; | 11. Jilqa' l-ħolqien ta' Awtorità ġdida għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu; ***jisħaq fuq l-importanza ta' ġestjoni soda, b'esperjenza u varjata fl-awtorità peress li l-operazzjonijiet interni tal-awtorità se jkollhom impatt sinifikanti fuq l-integrità u l-effettività tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' l-ħolqien ta' Awtorità ġdida għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l- | 11. Jilqa' l-ħolqien ta' Awtorità ġdida għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l- |

| | |
|---|---|
| Finanzjament tat-Terroriżmu; | Finanzjament tat-Terroriżmu***, li se tippermetti modi aktar effettivi ta' kif jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu permezz ta' superviżjoni diretta ta' ċerti entitajiet finanzjarji u kooperazzjoni u fluss ta' informazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet nazzjonali***; |

Or. en

**Emenda 167**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji*** finanzjarji mhux bankarji ***u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi mas-settur bankarju, inkluż billi jitfasslu għodod regolatorji u superviżorji speċifiċi biex tiġi evitata kriżi ta' likwidità***; | 12. ***Jilqa' l-konsultazzjoni mmirata tal-Kummissjoni Ewropea li tindirizza l-adegwatezza ta' politiki makroprudenzjali għal intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tinvestiga jekk hemmx xi diskrepanza fis-sett ta' għodod superviżorji, inklużi dawk relatati ma' tnaqqis ta' likwidità u implikazzjonijiet potenzjali għar-riskju sistemiku; jinnota, madankollu, li l-intermedjarji*** finanzjarji mhux bankarji ***mhux neċessarjament jiffaċċjaw l-istess tip u livelli ta' riskju bħall-banek, peress li ġeneralment ma jiħdux depożiti fil-livell ta' konsumatur għal żmien qasir u għalhekk huma inqas suxxettibbli għal diskrepanzi fil-maturità***; |

Or. en

**Emenda 168**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji ***u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi mas-settur bankarju***, inkluż billi jitfasslu għodod regolatorji u superviżorji speċifiċi biex tiġi evitata kriżi ta' likwidità; | 12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji, inkluż billi jitfasslu għodod regolatorji u superviżorji speċifiċi biex tiġi evitata kriżi ta' likwidità; |

Or. it

**Emenda 169**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi mas-settur bankarju***, inkluż billi jitfasslu għodod regolatorji u superviżorji speċifiċi biex tiġi evitata kriżi ta' likwidità***; | 12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi mas-settur bankarju; |

Or. en

**Emenda 170**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi mas-settur bankarju, inkluż billi jitfasslu għodod regolatorji u superviżorji speċifiċi biex tiġi evitata kriżi | 12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi mas-settur bankarju, inkluż billi jitfasslu għodod regolatorji u superviżorji speċifiċi biex tiġi evitata kriżi |

| | |
|---|---|
| ta’ likwidità; | ta’ likwidità; ***jilqa’ l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar politiki makroprudenzjali għal intermedjarji finanzjarji mhux bankarji (NBFIs); jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-Eurosistema li jiġu introdotti testijiet tal-istress għas-sistema kollha għall-identifikazzjoni u għall-kwantifikazzjoni tar-riskji għar-reżiljenza tas-swieq ewlenin;*** |

Or. en

**Emenda 171**
**Marlena Maląg**
f’isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi mas-settur bankarju, inkluż billi jitfasslu għodod regolatorji u superviżorji speċifiċi biex tiġi evitata kriżi ta’ likwidità; | 12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi mas-settur bankarju, inkluż billi jitfasslu għodod regolatorji u superviżorji speċifiċi biex tiġi evitata kriżi ta’ likwidità; ***jirrimarka li tali miżuri jridu jiggarantixxu s-sigurtà tas-sistema u jkunu fl-aħjar interess tal-klijent;*** |

Or. pl

**Emenda 172**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jinnota li l-BĊE jqis ir-riskji finanzjarji relatati mal-klima u man-*** |

***natura fil-prattiki superviżorji tiegħu u jimmonitorja mill-qrib ir-riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni li qed jikbru; jilqa', fost affarijiet oħra, it-tieni test tal-istress klimatiku għall-ekonomija kollha tal-BĊE f'Settembru 2023; jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Occasional Paper Series tal-BĊE Nru 328 bit-titolu "The Road to Paris: stress testing the transition towards a net-zero economy" (It-Triq lejn Pariġi: l-ittestjar tal-istress tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima), peress li skontu l-aħjar mod biex tinkiseb ekonomija b'emissjonijiet żero netti għad-ditti, għall-unitajiet domestiċi u għall-banek fiż-żona tal-euro huwa li titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika għal rata li tkun aktar rapida milli taħt il-politiki attwali;***

Or. en

**Emenda 173**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Ifakkar li t-titolizzazzjoni tal-finanzjamenti bankarji kummerċjali kellha rwol ewlieni fit-tfaċċar tal-kriżi finanzjarja globali; iwissi kontra l-fatt li l-qafas prudenzjali jsir inqas strett u li jitbaxxew ir-regoli tad-diliġenza dovuta assoċjati mal-iskoperturi skrutinizzati; jisħaq li l-proposti biex jiġu introdotti garanziji pubbliċi ħalli jiġi estiż is-suq tat-titolizzazzjoni jmorru kontra l-impenn tal-kriżi postfinanzjarja li l-kontribwenti mhux se jerġgħu jkollhom iħallsu għall-istituzzjonijiet finanzjarji;*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Manon Aubry, Pasquale Tridico**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jenfasizza li ma teżistix Unjoni Bankarja kompleta mingħajr qafas makroprudenzjali għal intermedjarji finanzjarji mhux bankarji ("entitajiet mhux bankarji"); jenfasizza għalhekk il-ħtieġa ta' qafas regolatorju Ewropew għall-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi appoġġjata l-istabbiltà finanzjarja;*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jistieden lill-MSU jinvestiga jekk id-deċiżjoni tal-Gvern tar-Renju Unit f'Ottubru 2023 li jabolixxi l-limitu massimu tal-bonus hijiex qed tħeġġeġ lill-banek u lill-maniġers tal-fondi tar-Renju Unit jadottaw imġiba aktar riskjuża, u jekk din id-deċiżjoni hijiex qed twassal għal eżodu tal-imħuħ minn banek Ewropej lejn banek tar-Renju Unit;*** |

Or. nl

**Emenda 176**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12b. Jirrikonoxxi l-progress li sar matul l-aħħar 10 snin permezz tal-istabbiliment tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM); jappella għat-tlestija totali tal-Unjoni Bankarja, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) kompluta;*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jilqa' l-objettiv tal-proposta dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-assigurazzjoni tad-depożiti biex jiġi żgurat approċċ aktar konsistenti fl-Istati Membri kollha għall-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u għall-protezzjoni tad-depożiti sabiex jissaħħu l-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-kontribwenti u l-fiduċja tad-depożitanti; ***jinnota li l-banek iż-żgħar ma joħolqu l-ebda riskju għall-istabbiltà finanzjarja;*** | 13. Jilqa' l-objettiv tal-proposta dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-assigurazzjoni tad-depożiti biex jiġi żgurat approċċ aktar konsistenti fl-Istati Membri kollha għall-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u għall-protezzjoni tad-depożiti sabiex jissaħħu l-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-kontribwenti u l-fiduċja tad-depożitanti; |

Or. en

**Emenda 178**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata riżolvibbiltà sħiħa għall-banek kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni; ifakkar li l-kisba tar-riżolvibbiltà ma tistax titqies bħala "mira mobbli" u għalhekk jappella għal ***aktar standardizzazzjoni u*** armonizzazzjoni ***meta tiġi vvalutata r-riżolvibbiltà***; | 20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata riżolvibbiltà sħiħa għall-banek kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni; ifakkar li l-kisba tar-riżolvibbiltà ma tistax titqies bħala "mira mobbli" u għalhekk jappella għal ***approċċ ibbilanċjat li jikkombina l-istandardizzazzjoni mal-flessibbiltà biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi bankarji tal-Istati Membri, filwaqt li jiġi żgurat li l-isforzi ta'*** armonizzazzjoni ***ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat lil banek iżgħar jew iffukati fil-livell lokali***; |

Or. nl

**Emenda 223**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata riżolvibbiltà sħiħa għall-banek kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni; ifakkar li ***l-kisba*** tar-riżolvibbiltà ma tistax titqies bħala "mira mobbli" u għalhekk jappella għal aktar standardizzazzjoni u armonizzazzjoni meta tiġi vvalutata r-riżolvibbiltà; | 20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata riżolvibbiltà sħiħa għall-banek kollha ***fi kriżi*** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni; ifakkar li ***l-ilħuq*** tar-riżolvibbiltà ma tistax titqies bħala "mira mobbli" u għalhekk jappella għal aktar standardizzazzjoni u armonizzazzjoni meta tiġi vvalutata r-riżolvibbiltà***; jenfasizza, madankollu, ir-rwol sinifikattiv li għandhom l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni fil-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà***; |

Or. it

**Emenda 224**
**Fernando Navarrete Rojas, Fulvio Martusciello, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata riżolvibbiltà sħiħa għall-banek kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni; ***ifakkar li l-kisba tar-riżolvibbiltà ma tistax titqies bħala "mira mobbli" u għalhekk jappella għal aktar standardizzazzjoni u armonizzazzjoni meta tiġi vvalutata r-riżolvibbiltà***; | 20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata riżolvibbiltà sħiħa għall-banek kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni; ***jilqa' l-flessibbiltà tal-SRB li jindirizza żviluppi speċifiċi għall-bank, tas-suq jew ta' riskju sistemiku***; |

Or. en

**Emenda 225**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata riżolvibbiltà sħiħa għall-banek kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni; ifakkar li l-kisba tar-riżolvibbiltà ma tistax titqies bħala "mira mobbli" u għalhekk jappella għal aktar standardizzazzjoni u armonizzazzjoni meta tiġi vvalutata r-riżolvibbiltà; | 20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata riżolvibbiltà sħiħa għall-banek kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni; ifakkar li l-kisba tar-riżolvibbiltà ma tistax titqies bħala "mira mobbli" u għalhekk jappella għal aktar standardizzazzjoni u armonizzazzjoni meta tiġi vvalutata r-riżolvibbiltà; ***ifakkar, madankollu, fir-rwol importanti li għandhom l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali fil-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà;*** |

Or. en

**Emenda 226**

**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni tal-banek żgħar, li r-rwol tagħhom fl-ekosistema bankarja lokali jista' jitqies bħala li jissodisfa l-kriterju ta' interess pubbliku; jisħaq li dawn il-banek ma għandhom l-ebda opportunità li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-MREL; iqis li huwa xieraq li tali banek jikkontribwixxu għal skemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tad-depożiti sabiex jippermettu stralċ ordnat;*** |

Or. pl

**Emenda 227**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-fatt li l-Unjoni Bankarja għad ma għandhiex it-tielet pilastru tagħha, jiġifieri skema Ewropea robusta ta' assigurazzjoni tad-depożiti li tiżgura l-protezzjoni tad-depożituri fl-Unjoni Bankarja kollha u tnaqqas b'mod sinifikanti r-rabta negattiva bejn il-banek u d-dejn sovran domestiku tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 228**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves,**

**Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015***, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn***; | 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn***; jappoġġja l-pożizzjoni li ntlaħqet fil-Kumitat ECON rigward l-EDIS f'April 2024; jenfasizza l-ħtieġa ta' EDIS kompluta b'kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju li tippermetti l-assorbiment tat-telf***; |

Or. en

**Emenda 229**
**Manon Aubry, Pasquale Tridico**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015***, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn***; | 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ***(EDIS)*** ġietippubblikata lura fl-2015***; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-EDIS ġiet posposta għal kważi deċennju***; ***ifakkar li l-EDIS hija essenzjali biex jiġu ssalvagwardjati d-depożiti taċ-ċittadini u tiġi żgurata l-istabbiltà fiż-żona tal-euro;*** |

Or. en

**Emenda 230**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015***, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn***; | 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015; |

Or. en

**Emenda 231**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, ***u*** li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn; | 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn ***u li huwa meħtieġ approċċ ġdid***; |

Or. en

**Emenda 232**
**Isabel Benjumea Benjumea, Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn; | 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn; ***jisħaq li kwalunkwe*** |

| | |
|---|---|
| | ***mekkaniżmu Ewropew għandu jkattar l-istabbiltà finanzjarja, isaħħaħ il-fiduċja tad-depożitanti u jippreżerva l-inċentivi għal ġestjoni prudenti tar-riskji mill-banek;*** |

Or. es

**Emenda 233**
**Fernando Navarrete Rojas, Fulvio Martusciello, Marco Falcone, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn; | 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn; ***jilqa' l-fatt li l-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji adotta l-pożizzjoni tiegħu favur il-ħolqien ta' skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti f'April 2024; jistieden lill-Parlament Ewropew jadotta l-mandat tiegħu biex jidħol f'negozjati interistituzzjonali; iħeġġeġ lill-Kunsill jaqbel dwar il-pożizzjoni tiegħu fuq l-EDIS mingħajr aktar dewmien;*** |

Or. en

**Emenda 234**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema | 21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema |

| | |
|---|---|
| Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn; | Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn***, għalkemm dan ma jnaqqasx il-vantaġġi li tiġi adottata l-iskema***; |

Or. pt

**Emenda 235**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Iqis li l-bidla fiċ-ċirkostanzi li wasslet għall-proposta oriġinali għal skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS) ma tinvolvix raġuni għat-tneħħija tal-iskema jew għat-trażżin tal-għanijiet tagħha; iqis li, għall-kuntrarju, il-perjodu ta' stabbiltà finanzjarja relattiva għandu jintuża biex tiġi adottata l-EDIS; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-proċess waqaf; jappella għal adozzjoni malajr tal-EDIS;*** |

Or. pt

**Emenda 236**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jilqa' l-pożizzjoni tal-Kumitat ECON dwar skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS) adottata f'April 2024; iħeġġeġ liż-żewġ koleġiżlaturi jaħtfu din l-opportunità biex*** |

| | |
|---|---|
| | ***jagħmlu progress fl-istabbiliment ta' EDIS; jissottolinja li l-għan aħħari jibqa' li jkun hemm EDIS kompluta li tipprovdi kopertura għat-telf;*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Manon Aubry, Pasquale Tridico**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jisħaq li l-istabbiliment ta' EDIS għandu jsir mingħajr kundizzjonalitajiet biex l-esponimenti bankarji jiġu llimitati għad-dejn sovran, speċjalment fil-rigward tal-pajjiżi bi proporzjonijiet ta' dejn pubbliku għoljin;*** |

Or. en

**Emenda 238**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jenfasizza li aktar progress fuq it-tnaqqis tar-riskju huwa prekundizzjoni meħtieġa għal kwalunkwe tip ta' kondiviżjoni tar-riskju fl-Unjoni Bankarja;*** |

Or. en

**Emenda 239**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali speċifiċi u li jiġu ppreservati s-sistemi li jiffunzjonaw tajjeb għal banek iżgħar li diġà huma fis-seħħ f'xi Stati Membri;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 240**
**Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; ***jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali speċifiċi u li jiġu ppreservati s-sistemi li jiffunzjonaw tajjeb għal banek iżgħar li diġà huma fis-seħħ f'xi Stati Membri;*** | 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; |

Or. en

**Emenda 241**
**Fernando Navarrete Rojas, Fulvio Martusciello, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; ***jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-karatteristiċi*** nazzjonali ***speċifiċi u li jiġu ppreservati s-sistemi li jiffunzjonaw tajjeb għal banek iżgħar li diġà huma fis-seħħ f'xi Stati Membri***; | 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-frammentazzjoni fil-linji*** nazzjonali ***tillimita l-effettività tagħhom li jindirizzaw il-kriżijiet sistemiċi u żżid ostakoli għall-estensjoni tal-attività transfruntiera għall-banek pan-Ewropej; jilqa' skema ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS) komuni biex ir-riskji jiġu ddiversifikati aktar f'ġabra akbar ta' riżorsi, biex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq filwaqt li tiżdied il-kompetittività tas-sistema bankarja Ewropea u b'hekk jiġu pprovduti depożiti aktar stabbli;*** |

Or. en

**Emenda 242**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; jissottolinja ***l-ħtieġa*** li ***jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali speċifiċi u li jiġu ppreservati s-sistemi li jiffunzjonaw tajjeb għal banek iżgħar li diġà huma fis-seħħ f'xi Stati Membri***; | 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; ***iqis li l-introduzzjoni ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandha twassal għal tnaqqis tar-riskju għall-banek kollha fl-Unjoni Bankarja;*** jissottolinja li ***l-kontribuzzjonijiet għal Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandha tqis il-profil tar-riskju ta' kull settur parteċipanti***; |

Or. en

**Emenda 243**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu ***l-karatteristiċi*** nazzjonali ***speċifiċi*** u li jiġu ***ppreservati*** s-sistemi li jiffunzjonaw tajjeb għal banek iżgħar li diġà huma fis-seħħ f'xi Stati Membri; | 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu ***xi*** karatteristiċi nazzjonali u li jiġu ***ppreżervati*** s-sistemi li jiffunzjonaw tajjeb għal banek iżgħar li diġà huma fis-seħħ f'xi Stati Membri ***b'mod li ma jfixkilx il-kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni Bankarja***; |

Or. en

**Emenda 244**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali speċifiċi u li jiġu ***ppreservati*** s-sistemi li jiffunzjonaw tajjeb għal banek iżgħar li diġà huma fis-seħħ f'xi Stati Membri; | 22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali speċifiċi u li jiġu ***ppreżervati*** s-sistemi li jiffunzjonaw tajjeb għal banek iżgħar li diġà huma fis-seħħ f'xi Stati Membri***, biex b'hekk jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà tal-Istati***; |

Or. es

**Emenda 245**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jirrikonoxxi li skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS) tista' ttejjeb il-protezzjoni għad-depożitanti fl-UE; iqis, madankollu, li l-ostaklu ewlieni għall-introduzzjoni tal-EDIS huwa tħassib dwar ir-riskju f'xi sistemi bankarji; jisħaq li l-mitigazzjoni ta' dan ir-riskju hija kruċjali biex jintlaħaq ftehim dwar l-EDIS;*** |

Or. pl

**Emenda 246**
**Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jenfasizza li l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti hija l-pilastru finali nieqes tal-Unjoni Bankarja u li l-livelli differenti ta' protezzjoni tad-depożitant ifixklu l-kompetittività tas-settur;*** |

Or. en

**Emenda 247**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***23. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali u li jiġi ppreservat il-funzjonament tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 248**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***23. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali u li jiġi ppreservat il-funzjonament tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 249**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***23. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali u li jiġi ppreservat il-funzjonament tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 250**
**Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. ***Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi*** ta' protezzjoni istituzzjonali ***u li jiġi ppreservat il-*** | 23. ***Ifaħħar l-progress sinifikanti li għamel il-Parlament Ewropew fl-adozzjoni ta' rapport fl-ewwel qari;*** |

| | |
|---|---|
| *funzjonament tagħhom*; | ***jinnota li l-pożizzjoni tal-Parlament hija konxja tal-interessi kompetittivi dwar l-istabbiliment ta' EDIS u sensittiva għalihom u tqis l-ispeċifiċitajiet tas-setturi bankarji nazzjonali, inklużi skemi*** ta' protezzjoni istituzzjonali; |

Or. en

**Emenda 251**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali u li jiġi ***ppreservat*** il-funzjonament tagħhom; | 23. ***Jenfasizza r-rwol importanti li għandhom l-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali fl-appoġġ għall-istabbiltà finanzjarja;*** jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali ***fil-leġiżlazzjoni Ewropea*** u li jiġi ***ppreżervat*** il-funzjonament tagħhom; |

Or. en

**Emenda 252**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali u li jiġi ***ppreservat*** il-funzjonament tagħhom; | 23. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali u li jiġi ***ppreżervat*** il-funzjonament tagħhom***, billi dawn l-istituzzjonijiet jitneħħew mill-ambitu tal-EDIS***; |

Or. de

**Emenda 253**
**Fernando Navarrete Rojas, Fulvio Martusciello, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali u li jiġi ***ppreservat*** il-funzjonament tagħhom; | 23. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali u li jiġi ***ppreżervat*** il-funzjonament tagħhom ***filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni Bankarja***; |

Or. en

**Emenda 254**
**Billy Kelleher**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Ifakkar li l-Parlament Ewropew jipproponi l-introduzzjoni ta' skema ta' likwidità biss fl-ewwel istanza, li tibni fuq il-qafas eżistenti ta' skemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti u jqabbad lill-Kummissjoni bil-valutazzjoni tal-adegwatezza lejn bidla għal EDIS kompluta maż-żmien;*** |

Or. en

**Emenda 255**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***24. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-UB;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 256**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. ***Jieħu nota tad-dikjarazzjoni*** tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-UB; | 24. ***Jilqa' d-dikjarazzjoni*** tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-UB; |

Or. de

**Emenda 257**
**Fernando Navarrete Rojas, Fulvio Martusciello, Marco Falcone, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-UB; | 24. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-UB; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li ma sar l-ebda żvilupp ulterjuri fil-livell tal-Grupp tal-Euro biex tiġi mħeġġa t-tlestija tal-UB, l-aktar it-tielet pilastru;*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Jonás Fernández, Carla Tavares, César Luena, Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke, Irene Tinagli, Thomas Bajada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 259**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' ***sfida għall-UB***; ***jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani***; | 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' ***ambitu li jistħoqqlu aktar riflessjoni fil-livell internazzjonali***; |

Or. it

**Emenda 260**
**Irene Tinagli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; ***jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju*** | 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; ***jappoġġja konsegwentement l-istabbiliment ta' assi sikur Ewropew***; |

***tal-esponimenti sovrani***;

Or. en

**Emenda 261**
**Marlena Maląg**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; ***jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani;*** | 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; |

Or. pl

**Emenda 262**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; ***jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani;*** | 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; |

Or. en

**Emenda 263**
**Fernando Navarrete Rojas, Fulvio Martusciello, Marco Falcone, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; ***jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani;*** | 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; |

Or. en

**Emenda 264**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza li ***r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti*** sovrani; | 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza ***l-ħtieġa*** li ***jinstabu modi kif l-esponimenti***sovrani ***tal-banek jiġu ddiversifikati fil-futur***; |

Or. en

**Emenda 265**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' ***sfida għall-UB***; ***jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament*** | 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' ***qasam fejn għandhom isiru aktar riflessjonijiet fil-livell internazzjonali, meta titqies id-diversifikazzjoni akbar tal-*** |

| | |
|---|---|
| regolatorju tal-esponimenti sovrani; | ***partečipazzjonijiet tal-bonds sovrani tal-banek u l-progress fil-livell internazzjonali dwar it-trattament*** regolatorju tal-esponimenti sovrani; |

Or. en

**Emenda 266**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani; | 25. ***Jinnota bi tħassib li l-iskoperturi tal-banek għad-dejn sovran domestiku qed jiżdiedu[1a];*** ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani; ***jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta proposta leġiżlattiva li tintroduċi piżijiet tar-riskju xierqa għall-esponimenti sovrani;*** <br>__________________ <br>***[1a] RAPPORT TA' VALUTAZZJONI TAR-RISKJU TAL-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA (EBA/REP/2024/12). LULJU 2024. p. 20.*** |

Or. en

**Emenda 267**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir- | 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir- |

riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani;

riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani; ***jenfasizza li rabta iżgħar bejn ir-riskju bankarju u d-dejn sovran tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-kontribwenti u favur suq finanzjarju Ewropew aktar integrat u kompetittiv;***

Or. es

**Emenda 268**
**Anouk Van Brug, Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani; | 25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani; ***jenfasizza li r-rekwiżiti ta' kapital iridu jirriflettu r-riskju reali mġarrab mill-banek fis-suq;*** |

Or. en

**Emenda 269**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Japprezza l-progress tal-BĊE dwar l-euro diġitali u d-djalogu tiegħu mal-Parlament; filwaqt li jirrikonoxxi benefiċċji bħall-awtonomija tal-pagamenti u l-inklużjoni finanzjarja,*** |

*iqajjem tħassib dwar il-funzjonalità offline minħabba spejjeż għoljin, ħinijiet ta' żvilupp twal u benefiċċji minimi għall-utent; peress li t-tranżazzjonijiet offline inaqqsu l-viżibbiltà u jikkumplikaw il-prevenzjoni tar-reati finanzjarji, il-kapaċitajiet offline doppji jridu jkunu limitati għal miżuri ta' riżerva temporanji biex jiġi pprevenut l-abbuż;*

Or. it

**Emenda 270**
**Auke Zijlstra, Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jenfasizza li hemm total ta' EUR 2 900 biljun f'dejn sovran fuq il-karti bilanċjali tal-banek Ewropej u li kważi 50 % inħarġu minn 3 Stati Membri biss; ifakkar li 67 % tad-dejn sovran kollu nxtara minn banek minn 3 Stati Membri biss; jirrimarka, għalhekk, li l-bidliet fil-firxiet ta' dawn l-istati għandhom effetti sproporzjonati fuq is-saħħa ta' dawn il-banek; jistieden lill-BĊE u lill-MSU jfasslu miżuri konkreti biex isolvu din il-problema relatata mal-konċentrazzjoni;*** |

Or. nl

**Emenda 271**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jilqa' l-progress tal-BĊE fl-euro diġitali u d-djalogu Parlamentari tiegħu;*** |

| | |
|---|---|
| | ***jesprimi riżervi, filwaqt li jirrikonoxxi li xi benefiċċji bħall-awtonomija tal-pagament u l-inklużi finanzjarja, dwar il-funzjonalità offline minħabba spejjeż għoljin, żminijiet ta' żvilupp twal u benefiċċji tal-utent limitati; jissottolinja li, minħabba li t-tranżazzjonijiet offline jnaqqsu l-viżibbiltà u jfixklu l-prevenzjoni tal-kriminalità finanzjarja, il-kapaċitajiet offline doppji għandhom iservu biss ta' miżuri ta' riżerva temporanji biex jiġi pprevenut l-użu ħażin;*** |

Or. en

**Emenda 272**
**Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jisħaq li t-tlestija tal-Unjoni Bankarja tirrikjedi l-istabbiliment tat-tliet pilastri ppjanati kollha: is-superviżjoni, ir-riżoluzzjoni u l-assigurazzjoni tad-depożiti; iwissi li n-nuqqas ta' kwalunkwe wieħed mit-tliet pilastri jimmina l-koerenza u l-funzjonalità tas-sistema, li potenzjalment jirrikjedi rivalutazzjoni fundamentali li tibda bil-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 273**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jirrimarka li l-livelli ta' dejn*** |

| | |
|---|---|
| | ***pubbliku li qed jogħlew wara l-pandemija jagħmlu t-trattament xieraq tal-esponimenti sovrani aktar urġenti;*** |

Or. en

**Emenda 274**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25b. Jissottolinja li l-euro diġitali huwa maħsub biex jikkomplementa, mhux biex jissostitwixxi, il-flus kontanti u l-metodi ta' pagament privati, jissalvagwardja l-investimenti tas-settur u jevita d-dominanza ta' fornituri mhux Ewropej;*** |

Or. it

**Emenda 275**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25b. Ifakkar li l-euro diġitali għandu jikkomplementa, mhux jissostitwixxi soluzzjonijiet ta' pagament bi flus kontanti u privati, jipproteġi l-investimenti fis-settur u jipprevjeni d-dominanza tal-fornituri mhux Ewropej;*** |

Or. en

**Emenda 276**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25c. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kumpens ġust għall-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji; is-sistema trid tibbilanċja l-privatezza mal-prattiċità u trid tinkludi limiti ta' żamma u limiti ta' tranżazzjoni biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja;*** |

Or. it

**Emenda 277**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25c. Jissottolinja li l-istituzzjonijiet finanzjarji jistħoqqilhom kumpens ġust għall-ispejjeż ta' implimentazzjoni, u li s-sistema għandha tibbilanċja l-privatezza mal-prattiċità filwaqt li tinkorpora limiti għall-parteċipazzjoni u limiti massimi fuq it-tranżazzjonijiet biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja;*** |

Or. en

**Emenda 278**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25d. Jissottolinja l-importanza li jiġu evitati żbilanċi kompetittivi fis-servizzi ta' pagament tal-UE, bħal-limitu massimu*** |

| | |
|---|---|
| | ***fuq il-kummerċ interreġjonali ssuġġerit mir-Renju Unit, li jista' jwassal għal spejjeż akbar jew ċaħda tas-servizzi għall-konsumaturi Ewropej;*** |

Or. it

**Emenda 279**
**Fulvio Martusciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25d. Jenfasizza l-importanza li jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-servizzi ta' pagament tal-UE, bħal-limitu massimu fuq it-tariffi tal-interkambju interreġjonali, li jistgħu jirriżultaw fi spejjeż akbar jew f'interruzzjonijiet fis-servizz għall-konsumaturi Ewropej;*** |

Or. en